

Brussell, 26 ta' Settembru 2025
(OR. en)

13217/25

FIN 1107
INST 262
PE-L 30

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	12984/25
Suġġett:	Trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC 14/2025 fit-Taqsima III - Kummissjoni - tal-baġit ġenerali għall-2025
• <i>Approvazzjoni</i> • <i>Approvazzjoni ta' ittra</i>	

1. Fit-22 ta' Settembru 2025, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għat-trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC 14/2025, f'konformità mal-Artikolu 31(1) tar-Regolament Finanzjarju¹.

¹ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni) (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/mt>).

2. Kif jidher fid-dokument 12984/25, l-għan ta' din il-proposta huwa t-trasferiment ta' ammont totali ta' EUR 253.87 miljun f'appropriazzjonijiet ta' impenn (a/i) u EUR 233.53 miljun f'appropriazzjonijiet ta' pagament għall-Artikolu 14 03 01 (*Għajjnuna umanitarja*), kif ġej:

- EUR 233.53 miljun kemm f'a/i kif ukoll f'a/p mill-Partita 30 04 01 02 (*Riżerva ta' Għajjnuna f'Emerġenza*);
- EUR 18.82 miljun f'a/i mill-Partita 14 20 03 01 (*Għotjiet għal Assistenza Makrofinanzjarja (MFA)*);
- EUR 0.92 miljun f'a/i mill-Partita 14 20 03 06 (*Organizzazzjonijiet u ftehimiet internazzjonali*); u
- EUR 0.60 miljun mill-Partita 14 20 04 04 (*Evalwazzjonijiet u awditi strateġiċi*).

3. Il-mobilizzazzjoni tar-Riżerva ta' Għajjnuna f'Emerġenza u t-trasferiment taħt l-intestatura 6 qed jiġi proposti sabiex tingħata assistenza għal għadd ta' kriżijiet umanitarji fi:

- il-Qarn tal-Afrika (EUR 95 miljun f'a/i u a/p, li minnhom EUR 30 miljun għall-Etjopja, EUR 30 miljun għas-Somalja u EUR 35 miljun għas-Sudan t'Isfel);
- l-Afrika tal-Punent u l-Afrika Ċentrali (EUR 48.5 miljun f'a/i u a/p);
- il-Palestina¹ (EUR 50 miljun f'a/i u a/p);
- l-Ukrajna (EUR 40 miljun f'a/i u a/p);
- il-Jemen (EUR 20.3 miljun f'a/i u a/p).

¹ Din id-deżinjazzjoni tal-Palestina ma għandhiex tiġi interpretata bħala rikonoxximent ta' Stat tal-Palestina u hija mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet individwali tal-Istati Membri fuq din il-kwistjoni.

4. Il-Kumitat tal-Baġit eżamina l-proposta għal trasferiment fil-laqgħa tiegħu tal-24 ta' Settembru 2025.
5. Wara dak l-eżami, il-Kumitat tal-Baġit qabel, b'maġġoranza kwalifikata, li jissuġġerixxi li l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jagħti parir lill-Kunsill biex japprova:
 - il-proposta għat-trasferiment tal-appropriazzjonijiet, kif tinsab fid-dokument 12984/25; u
 - l-abbozz ta' ittra fl-ANNESS ta' din in-nota.

ABBOZZ TA' ITTRA

minn: Il-President tal-Kunsill

lil: Il-President tal-Kummissjoni

kopja: Opinjoni tal-Parlament Ewropew

Sinjura,

F'konformità mal-Artikolu 31(6) tar-Regolament Finanzjarju tat-23 ta' Settembru 2024¹, qed
ninfurmak li l-Kunsill approva t-trasferiment ta' approprijazzjonijiet Nru DEC 14/2025 fit-
Taqsimi III - Kummissjoni - tal-baġit ġenerali għall-2025.

(Formola ta' għeluq).

¹ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni) (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj>).